MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1851/1995/1

**Godwin Migneco ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Medairco Ltd.**

**vs.**

**John Caruana.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Novembru 1995 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri fejn gie premess:-

Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' hamsa u tletin elf liri Maltin (Lm35,000) rapprezentanti import ta' kambjala datata 3 ta' Lulju 1995.

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas, xorta wahda baqa’ inadempjenti minkejja l-fatt li gie interpellat anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 31 ta’ Ottubru 1995.

Illi ghalhekk l-istess attur *nomine* talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundannah ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta’ hamsa u tletin elf lira Maltin (Lm35,000) dovuti lill-attur *nomine* kif fuq spjegat u cioe` import ta’ kambjala datata 3 ta’ Lulju 1995 iffirmata mill-istess konvenut, liema kambjala skadiet fil-31 ta’ Lulju 1995.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 31 ta’ Ottubru 1995 u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta’ ‘l fuq imsemmija kambjala, kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur *nomine* a fol. 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 7 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri ghat- 13 ta’ Novembru 1995.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G Camilleri fejn fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 1995 il-kawza giet deciza.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ John Caruana datat 30 ta’ Novembru 1995 (fol 16).

Rat ir-risposta ta’ Godwin Migneco *nomine* ghar-rikors ta’ appell ta’ John Caruana datata 11 ta’ Dicembru 1995 (fol.21).

Rat il-verbali kollha mizmuma quddiem il-Qorti tal-Appell fejn fit-28 ta’ April 1998 fejn l-appell gie deciz.

Rat id-decizjoni moghtija fit-28 ta’ April 1998 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li biha l-atti gew rinvjati lil din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skont il-Ligi; u l-kawza giet rriappuntata ghas-smigh ghas-26 ta’ Gunju 1998.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ John Caruana datata 13 ta’ Mejju 1998 a fol 41 tal-process fejn eccepixxa: -

1. Illi l-esponent iffirma l-kambjala *de quo* fil-vesti tieghu professjonali ta’ *accountant* u dan ghaliex il-Bank kien irrikjeda illi jkun firmatarju *joint* fil-kont tas-socjeta` “Cool Operators Limited”.

2. Illi l-kambjala *de quo* hija vizzjata minn *error* u ingann, ghaliex meta huwa mar biex jiffirma tali kambjala, it-traenti dawrulu l-kambjala u talbuh jiffirma fid-dorso wara li ppreparaw minn qabel il-kliem *per avallo.*

3. Illi l-esponenti istitwixxa proceduri quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn intalab illi din il-kambjala tigi annullata u din il-kawza ghadha pendenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ John Caruana a fol. 42 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G Camilleri mis-26 ta’ Gunju 1998 sat-12 ta’ Mejju 2000.

Rat in-nota tal-konvenut datata 20 ta’ April 1999 fejn ipprezenta l-affidavit tieghu datat 20 ta’ April 1999 (fol. 49).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum hekk presjeduta mit-12 ta’ Mejju 2000 sat-8 ta’ Ottubru 2002 fejn il-partijiet infurmaw il-Qorti li din il-kawza qed tistenna ezitu ta’ kawza ohra bejn il-partijiet.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-25 ta’ Ottubru 2002 sad-29 ta’ Novembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Marzu 2004 fejn il-kawza giet ikkancellata minn fuq il-lista.

Rat ir-rikors ta’ Anthony Migneco nomine datat 24 ta’ Marzu 2004 a fol. 72 tal-process fejn talab ir-riappuntament tal-kawza sabiex tigi trattata u deciza u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat l-kawza ghas-smigh ghas-27 ta’ April 2004 kif jidher bid-digriet moghti fit-30 ta’ Marzu 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta mill-24 ta’ Frar 2006 sat-13 ta’ Ottubru 2009.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Gunju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher John Caruana, il-konvenut. L-attur u d-difensur tieghu Dr. Ivan Gatt imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici datat 10 ta’ Lulju 2006 a fol. 87 tal-process fejn talbet ir-riappuntament ta’ din il-kawza u d-digriet tal-Qorti fejn ordnat qabel xejn lis-socjeta` attrici biex fi zmien ghaxart ijiem (10) tiddikjara b’nota xi provi fadal jitressqu bl-affidavit u *viva voce*; rat in-nota attrici datata 24 ta’ Awwissu 2006 u id-digriet tal-Qorti datat 4 ta’ Settembru 2006 fejn laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghat-8 ta’ Novembru 2006, b’dan li l-affidavits atturi ghandhom jigu notifikati lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu u l-konvenut ghandu jipprezenta l-affidavits tieghu fi zmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika lilu ta’ dan id-digriet u l-affidavits attrici

mill-attur; giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex tisma' l-provi kollha (fol.107).

Rat n-nota tas-socjeta' attrici datata 24 ta' Awissu 2006 fejn gew pprezentati l-affidavits ta' Anthony Migneco, Emanuel Grech datati 24 ta' Awissu 2006 u dik tal-25 ta' Awwissu 2006 fejn gie pprezentat l-affidavit ta' Godwin Migneco datat 20 ta' Ottubru 1999.

Rat l-affidavit tal-konvenut datat 12 ta' April 2007 (fol.116 u 125).

Rat ir-rikors ta' John Caruana datat 11 ta' Ottubru 2007 a fol 138 tal-process fejn talab lill-Qorti biex iz-zewg kawzi, cjoe' din u l-kawza Citaz. Nru 1832/96/PS jinstemghu quddiem Qorti wahda u dan biex jitnaqqas kwalunkwe kunflitt fil-mertu taz-zewg kawzi u ghalhekk talab li tissejjah quddiem din il-Qorti l-kawza b'Citazjoni Nru. 1832/96 PS fl-ismijiet "John Caruana vs Medairco Limited et" Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-risposta; u rat li l-istess gie notifikat bla ma saret ebda risposta, u laqghet it-talba u rrikjamat il-kawza citata 1832/96 ghad-9 ta' Frar 2008 kif jidher bid-digriet moghti fil-25 ta' Jannar 2008 (fol. 141).

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 19 ta' Frar 2008 fejn il-Qorti ordnat li l-provi fil-kawza Citaz. Nru. 1832/96 ghandhom jghoddu bhala provi f'din il-kawza.

Rat id-digriet datat l-1 ta' April 2009 fejn gie kkonfermat l-istess digriet tad-19 ta' Frar 2008, u wkoll li l-provi f'din il-kawza jghoddu bhala provi fil-kawza l-ohra Citaz. Nru 1832/96 (fol. 148).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti nkluz dak tal-1 ta' April 2009 fejn xehed il-konvenut (fol. 149).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta' Ottubru 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-

konvenuti. Dr. Galea talab zmien ghan-nota ta' oservazzjonijiet b' dan li jibda l-konvenut. Il-Qorti laqghet it-talba u tat sittin (60) gurnata lil kull parti kollox kif hemm indikat. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Marzu 2010.

Rat l-atti tal-kawza Citaz. Numru 1832/96 pendenti wkoll ghal lum ghas-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ghall-hlas tal-kambjala mertu tal-kawza odjerna fejn jidher li l-konvenut iffirma l-istess fil-kwalita' tieghu personali u bhal avall ghall-obbligazzjoni hemm assunta mis-socjeta' Cool Operators Limited fl-istess kambjala.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li meta kambjala tigi garantita b'avall il-konsegwenzi taghha huwa li min jiffirma hekk huwa obbligat *in solidum* u bl-istess mod li huma obbligati t-traent u l-girnanti l-ohra u dan kollox skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 171 tal-Kap. 13.** Illi fil-kawza **"Ideacasa Company Limited vs Joseph Formosa et"** – A.I.C. (PS) – 26 ta' Jannar 2005) inghad li skont kif deciz fis-sentenza **"Negotiante Paolo Gatt vs Farmacista Amabile Bartolo et"** (K. 30 ta' Jannar 1939 – Vol. XXX.iii. 416) *"n-natura guridika ta' l-avallo hija l-obbligazzjoni kambjarja, diversa mill-fidejussjoni, peress li l-fidejeussjoni hija ta' natura accessorja u ma tistax tkun hlief obbligazzjoni wahda, mentri l-avvalant jassumi huwa stess l-obbligazzjoni diretta ghal pagament tal-kambjali,*

*anke jekk l-obbligazzjoni kambjarja garantita minnu ma' tkunx valida jew tispicca".*

Illi il-**Vinante (Trattato di Diritto Commerciale Vol. III. Para. 1227 u 1228)** jinghad li:-

*"l-obbligazzione dell'avallante e' una obbligazione cabiaria che l-avallante assume direttamente verso ogni possessore del titolo. Al pari di tutte l-obbligazione cambiarie, quando esiste nelle forme legale, e' una obbligazione autonoma, e quindi l-avallante non puo' oppore al possessore le eccezzioni dell'avallante; esse sono eccezzioni 'de jure tertii'......per esercitare e conservare i diritti cambiari contro il-debitore d'avallo, il-possessore della cambiale non ha da compiere alcuna speciale formalita' contro di lui; egli ha fornito il-suo compito quando ha compuitto tutti gli atti necessari per conservare l'azione cambiaria verso la persona per cui l'avallo fuq dato; le formalita' che preservano il suo diritto contro l-avallato sono sufficienti a preservare il suo diritto contro l-avallante....".*

Illi din il-Qorti hawn tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza moghtija llum stess fil-kawza fl-ismiijet **"John Caruana vs Medairco Ltd et"** (P.A. (RCP) – 25 ta' Marzu 2010) u tikkonferma l-kontenut tal-istess u taddotta l-istess konsiderazzjonijiet u motivazzjoni ghal din il-kawza u dan inkwantu l-istess kawzi jkopru u jittrattaw l-istess terren.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li ghandha tikkonferma li dak li hemm fil-kambjala huwa effettivament il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet odjerni f'din il-kawza u fuq il-kambjala mertu tal-kawza odjerna, u dan kien car fil-mument tal-iffirmar tal-istess kambjala, u l-kliem li llum qed jallega li qal l-konvenut, ma jaqblux ma' dak li qalu x-xhieda tas-socjeta' attrici, u lanqas mal-att innifsu tal-istess konvenut, li ffirma b'dak il-mod l-istess kambjala, tenut kont ukoll il-portata tal-istess kambjala u l-autonomija u indipendenza ta' l-obbligazzjoni naxxenti minnha (**"Charles Pool vs Carmelo Mercieca" –** P.A. (RCP) – 29 ta' Mejju 2003); **"Adrian Busietta nomine vs**

**Marco Attard nomine"** (A.C. – 9 ta' Frar 2001); **"Avukat Dr. Henry Mamo nomine vs Joseph Muscat et"** (A.C. – 25 ta' Mejju 2001); **"Annunziato sive Lonzu Mifsud vs Angelo Xeureb nomine"** A.C. – 5 ta' Ottubru 2001); **"Charles Bonnici et vs Anna Farrugia"** P.A. (RCP) – 2 ta' Ottubru 2001); **John Giordmaina et vs Joseph Pace et"** (P.A. (TM) – 16 ta' Jannar 2003); **"Bank of Valletta p.lc. vs Carmel Ray Micallef'** (P.A. (TM) – 18 ta' Frar 2004); il-portata ta' liema l-konvenut bhala *accountant* jew komputista certament li jaf is-sinifikat taghha.

Illi in vista ta' dan kollu, u dak li inghad fis-sentenza fuq citata u deciza llum stess, din il-Qorti thoss li gie ppruvat li meta l-konvenut iffirma l-istess kambjala jirrizulta li dan ghamlu konxju li qed jiffirma fil-kwalita' tieghu personali, u sabiex jiggarantixxi l-obligazzjoni assunta mis-socjeta' l-ohra li ffirmat l-istess kambjala, bhala garanti tal-hlas tal-istess u dan b'mod personali kif ghamel Joseph Camilleri, u dan meta l-istess konvenut, kien qed jassisti lill-istess socjeta' hemm indikata u konvenuta fil-kawza l-ohra u r-rappresentant taghha bhala *accountant* professjonali tal-istess, u sabiex jassigura li jintlahaq ftehim ghall-istess, u dan ukoll ghal skopijiet indikati f'dik il-kawza referibilment li tali ammont ikun jista' jithallas mill-facilitajiet bankarji li socjeta' Cool Operators Ltd. kellha mal-bank fil-parametri ndikata fl-istess self u msemmija f'dik il-kawza.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu l-verzjoni tal-konvenut, ma ghandha l-ebda kredibilita' f'ghajnejn il-Qorti, u dan johrog car kemm mill-affidavit tieghu, kontrastat max-xhieda tas-socjeta' attrici' u wkoll ix-xhieda tieghu mghotija fil-kawza fl-ismijiet "Godwin Migneco nomine vs John Caruana" quddiem din il-Qorti fl-1 ta' April 2009, fejn deher car li l-istess konvenut kien jaf is-sinifikat li jiffirma kambjala u l-konsegwenzi tal-istess, u fic-cirkostanzi, l-iktar li jista' jinghad fil-konfront tal-konvenut, (apparti li t-tezi tieghu ma gietx ippruvata, hija kontradetta mix-xhieda tas-socjeta' attrici prodotti, u mill-agir tieghu li ffirma kambjala per aval) huwa li huwa bhala professjonalista kien ghal kollox negligenti fl-operat tieghu, u meta ffirma l-istess kambjala, u dan ghaliex persuna ta' dik il-professjoni, ma tiffirmax ebda dokument ta' dik il-portata, li

suppost li taf is-sinifikat u l-portata tieghu, minghajr ma tkun taf il-konsegwenzi tieghu, kif qed jallega l-istess attur. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma humiex qed jigu accettati fuq il-punti sollevati f'din il-kawza u konsiderati *in extenso* fil-kawza l-ohra hawn imsemmija, li ghaliha din il-Qorti qed taghmel riferenza u qed taddotta in kwantu referibbli ghal dan il-kaz, u thoss li f'dan il-kaz il-kunsens tal-konvenut ma kienx vizzjat minhabba zball ta' fatt fuq is-sustanza tal-haga jew zball fil-ligi (**"Avukat Leslie Grech nomine vs Nazzareno sive Ronnie Balzan et"** (A.K. – 11 ta' Gunju 1993), u lanqas ma kien hemm ebda ingann ezercitat mis-socjeta' attrici fil-konfront tieghu u dan kollox kif deciz fis-sentenza moghtija llum stess fl-ismijiet **"John Caruana vs Medairco Ltd et"** (P.A. (RCP) – 25 ta' Marzu 2010). Ghalhekk din il-Qorti qed taghmel referenza ghall-istess sentenza u tikkonferma u taddotta l-istess ghall-fini ta' din il-kawza, u dan in kwantu jirrigwarda l-mertu tal-azzjoni odjerna u l-eccezzjonijiet tal-konvenut hawn sollevati. Fil-fatt il-punti mqajjma fl-eccezzjonijiet odjerni mill-konvenut odjern, huma l-bazi tal-azzjoni tieghu fl-imsemmija kawza, u la darba dawn it-talbiet f'dik il-kawza ma gewx milqugha, l-konsegwenza hija li l-eccezzjonijiet odjerni jigu, kif qed jigu, ghall-istess ragunijiet michuda.

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-talba attrici qed tigi milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' wiehed u tmenin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin ewro u seba' centezmi (€81,528.07) ekwivalenti ghal hamsa u tletin elf lira Maltin (Lm35,000) dovuti lill-attur *nomine* kif fuq spjegat u cioe` import ta' kambjala datata 3 ta' Lulju 1995 iffirmata mill-istess konvenut, liema kambjala skadiet fil-31 ta' Lulju 1995.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 31 ta' Ottubru 1995 u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' 'l fuq imsemmija kambjala sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------